MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2006

Numru. 484/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**Vs**

**ABRAHAM SCICLUNA bin Alfred u Adelina nee' Fenech, imwieled fit-tnax ta' Lulju, 1984 u residenti 1, Triq il-Hamri, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 27184G.**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **ABRAHAM SCICLUNA** bin Alfred u Adelina nee' Fenech, imwieled fit-tnax ta' Lulju, 1984 u residenti 1, Triq il-Hamri, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 27184G gie mressaq

quddiemha u akkuzat talli fl-erbgha [4] ta' Settembru, 2005 ghall-habta tas-sitta w nofs ta' filghodu fi-Triq ir-Rabat, Marsalforn l/o Zebbug Ghawdex;

1. Saq vettura bin-numru tar-reg. CBB829 ta' ghamla Suzuki u nvolontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi lil Eleonora Cauchi mir-Rabat, Ghawdex skond kif iccertifikat Dr. Marlene Attard mill-Isptar Generali ta' Ghawdex:

**2.** talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natira hafifa lil Andrew Calleja mix-Xewkija, Ghawdex skond kif iccertifika Dr. Coronato Grech MD tal-Isptar Generali ta' Ghawdex.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil PS 1377 Emanuel Cilia, lil Eleonra Cauchi u lil Andrew Calleja.

Rat l-affidavit ta' Doctor Coronata Grech u ta' Doctor Marlene Attard.

Rat d-dokumenti medici u r-rapport rilaxxjat minn PS 1377 Emanuel Cilia markat bhala dokument PS.

Ikkunsidrat:

**Illi mill-provi prodotti l-Qorti hija tal-fehma li l-incident awtomobilistiku mertu ta' din il-kawza sehh tort tal-imputat minhabba imperizja, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u konsegwentement wara li rat l-artikolu 226 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lil imputat ABRAHAM SCICLUNA hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' erbghin lira maltin .**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------